

Brussell, 10 ta' Diċembru 2020
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2020/0353(COD)**

13944/20
ADD 2

ENV 792
ENT 150
MI 561
CODEC 1320

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	10 ta' Diċembru 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2020) 334 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji, li jħassar id-Direttiva 2006/66/KE u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 2019/1020

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument SWD(2020) 334 final.

Mehmuż: SWD(2020) 334 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.12.2020
SWD(2020) 334 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji, li jħassar id-Direttiva 2006/66/KE u li jemenda r-
Regolament (UE) Nru 2019/1020

{COM(2020) 798 final} - {SEC(2020) 420 final} - {SWD(2020) 335 final}

X'inhil-problema?

Din il-valutazzjoni tal-impatt tħares lejn proposta għal regolament li se jissostitwixxi d-Direttiva dwar il-Batteriji. L-għan tagħha huwa li tindirizza tliet gruppi ta' problemi interkonnessi ħafna relatati mal-batteriji:

1. in-nuqqas ta' kundizzjonijiet qafas li jipprovdu inċentivi għall-investiment fil-kapaċità tal-produzzjoni għal batteriji sostenibbli, li huwa marbut mal-oqfsa regolatorji potenzjalment diverġenti fi ħdan is-suq intern;
2. il-funzjonament subottimali tas-swieq tar-riċiklaġġ u ċ-ċrieki tal-materjali mhux magħluqa biżżejjed, li jillimitaw il-potenzjal tal-UE li tnaqqas ir-riskji għall-provvista tal-materja prima;
3. ir-riski soċjali u ambjentali li bħalissa mhumiex koperti mil-liġi ambjentali tal-UE.

X'nixtiequ niksbu?

Il-proposta għandha tliet objettivi interkonnessi ħafna:

1. it-tiġid tal-funzjonament tas-suq intern tal-UE għall-batteriji;
2. il-promozzjoni ta' ekonomija ċirkolari billi jingħalaq iċ-ċirku tal-materjali;
3. it-tnaqqis tal-impatti ambjentali u soċjali tal-batteriji matul l-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom.

X'inhuma l-għażliet?

- L-għażla 1, dik ta' żamma tal-istatus quo, ma temendax id-Direttiva dwar il-Batteriji, li tkopri l-aktar l-istadju ta' tmiem il-ħajja tal-batteriji. Bħalissa, ma hemm l-ebda leġislazzjoni tal-UE fis-seħħ li tkopri l-istadji aktar bikrin fil-katina tal-valur u ċ-ċiklu tal-ħajja tal-batteriji.
- L-għażla 2, b'livell medju ta' ambizzjoni, issaħħaħ gradwalment ir-rekwiżiti u żżid il-livell ta' ambizzjoni, kemm għall-manifattura kif ukoll għall-istadji ta' tmiem il-ħajja tal-batteriji, u tagħmel dan l-aktar fil-forma ta' rekwiżiti ta' informazzjoni.
- L-għażla 3, b'livell għoli ta' ambizzjoni, huwa approċċ kemxejn aktar ta' tfixkil, iżda xorta jibqa' teknikament fattibbli. Din tinvolvi l-iffissar ta' valuri ta' limitu u limiti għall-konformità fi żmien stipulat.
- L-għażla 4, b'livell għoli ħafna ta' ambizzjoni, tinkludi miżuri li jmorru ferm lil hinn mill-qafas regolatorju attwali u mill-prattika kummerċjali attwali.

X'inhil-għażla ppreferuta u għaliex?

L-għażla preferuta hija taħlita tal-għażla 2 u l-għażla 3. Din tinkludi firxa ta' miżuri tul il-katina tal-valur, bħall-iffaċilitar tat-tieni ħajja tal-batteriji industrijali, iż-żieda tar-rata tal-ġbir fil-mira għall-iskart ta' batteriji portabbli minn 65 %, iż-żieda tal-irkupru tal-materjali, l-istabbiliment ta' rekwiżiti ġodda tal-effiċjenza tar-riċiklaġġ għall-batteriji taċ-ċomb u tal-joni tal-litju, it-titjib tal-prestazzjoni u d-durabbiltà, l-istabbiliment ta' rekwiżiti dwar l-intensità tal-karbonju, l-indirizzar tal-fluss fqir tal-informazzjoni u l-istabbiliment ta' diliġenza dovuta għall-orijini tal-materja prima.

Legalment, il-bidla minn direttiva għal regolament se tirriżulta f'rekwiżiti diretti għall-operaturi ekonomiċi kollha u għal għadd ta' awtoritajiet nazzjonali u korpi oħra. Dan se jkollu l-effett li jtejjeb l-armonizzazzjoni, jipprovdi ċ-ċertezza legali meħtieġa u jagħmilha possibbli li jiġi infurzat suq integrat bis-sħiħ madwar l-UE matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-batteriji.

Se jkun hemm xi spejjeż finanzjarji relatati ma' wħud minn dawn il-miżuri, iżda mhuma mistennija l-ebda impatti sinifikanti għan-negozju jew għall-konsumaturi. Se jkun hemm ukoll żieda żgħira fil-piż amministrattiv, b'mod partikolari fuq ir-rekwiżiti tal-marka tal-karbonju u tal-kontenut riċiklat.

Madankollu, il-benefiċċji jegħlbu l-kostijiet b'mod ċar. Ir-regolament propost se jindirizza l-problemi inerenti fis-sitwazzjoni attwali. Dan se jtejjeb il-funzjonament tas-suq intern, inaqqs l-impatt ambjentali bħall-emissjonijiet tal-gassijiet serra u jnaqqas ir-riskji ambjentali u soċjali. Barra minn hekk, se jgħib benefiċċji indiretti sinifikanti f'termini ta' impjegi ġodda fis-settur tal-manifattura u r-riċiklaġġ tal-batteriji tal-litju.